

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Madrid (Spanja) fl-1 ta' Ottubru 2019 –
Instituto Madrileño de Investigación y Desarrollo Agrario y Alimentario vs JN**

(Kawża C-726/19)

(2019/C 432/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Superior de Justicia de Madrid

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Instituto Madrileño de Investigación y Desarrollo Agrario y Alimentario

Konvenuta: JN

Domandi preliminari

- 1) L-istabbiliment ta' kuntratt temporanju bħall-kuntratt għal żmien determinat (*interinidad*) sabiex timtela pożizzjoni vakanti, li t-tul tiegħu jitħalla fl-arbitrarjetà tal-persuna li timpjega sabiex tiddeċiedi jekk timlix (jew le) il-pożizzjoni vakanti, meta jsir l-imsemmi mili u t-tul tal-proċedura ta' mili, jista' jitqies li huwa konformi mal-effett utli tal-klawżoli 1 u 5 tad-Direttiva 1999/70 ⁽¹⁾?
- 2) Għandu jiġi kkunsidrat li l-obbligu stipulat fil-klawżola 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE li tistabbilixxi miżura waħda jew iktar li jinsabu fiha sabiex jiġi evitat l-użu abbużiv ta' kuntratti temporanji ġie traspost fid-dritt Spanjol fir-rigward ta' kuntratt għal żmien determinat (*interinidad*) għall-mili ta' pożizzjoni vakanti, li għalih skont il-ġurisprudenza ma hemm l-ebda tul massimu ta' dawn ir-relazzjonijiet ta' xogħol temporanji u lanqas ma hemm raġuni oġġettiva li tiġġustifika t-tiġdid tagħhom u lanqas l-ebda numru ta' tiġdid ta' dawn ir-relazzjonijiet ta' xogħol?
- 3) Il-fatt li ma hemmx fid-dritt Spanjol, konformement mal-ġurisprudenza, miżura effikaċi sabiex tipprevjeni jew tikkastiga l-abbużi kontra ħaddiema li għandhom kuntratt għal żmien determinat (*interinidad*) sabiex timtela pożizzjoni vakanti jippreġudika l-iskop u l-effett utli tal-ftehim qafas, peress li ma hemm l-ebda tul massimu totali tar-relazzjonijiet ta' impjeg, li qatt ma jsiru għal żmien indeterminat jew għal żmien indeterminat mhux permanenti, anki meta jkunu għaddew ħafna snin, la xi kumpens għall-ħaddiema li jitkeċċew u lanqas xi obbligu għall-amministrazzjoni li tiġġustifika t-tiġdid tar-relazzjoni ta' xogħol temporanju (*interina*) meta, għal bosta snin, ma tinkludix il-pożizzjoni vakanti f'avviż ta' impjeg pubbliku jew iddewwem il-proċedura ta' reklutaġġ?
- 4) Relazzjoni ta' xogħol mingħajr limiti ta' żmien, li t-tul tagħha, skont il-ġurisprudenza tas-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, *Montero Mateos* (C-677/16, EU:C:2018:393) ⁽²⁾, hija twila iżjed mis-soltu u tiddependi biss fuq ir-rieda tal-persuna li timpjega, mingħajr ebda limitu jew ġustifikazzjoni, li l-ħaddiem ma jistax jipprevedi t-tmiem tagħha u li tista' ddum sakemm jirtira bil-pensjoni, għandha titqies li hija konformi mal-għan tad-Direttiva 1999/70/KE tal-Kunsill jew inkella li hija abbużiva?
- 5) Skont is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2018, *Sciotto* (C-331/17, EU:C:2018:859) ⁽³⁾, jista' jiġi kkunsidrat li l-kriżi ekonomika tal-2008 tista' tiġġustifika b'mod astratt l-assenza ta' kwalunkwe miżura ta' prevenzjoni tal-użu abbużiv ta' relazzjonijiet ta' impjeg suċċessivi għal żmien determinat, fis-sens tal-klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas, li tista' tevita jew tiskoraġġixxi l-estensjoni tar-relazzjoni ta' xogħol bejn ir-rikorrenti u l-Komunità Awtonoma ta' Madrid mill-2003 sal-2008 u t-tiġdid tagħha sal-2016, li għalhekk ittawwal ir-relazzjoni ta' impjeg temporanju għal 13-il sena?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).

⁽²⁾ Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, *Montero Mateos* (C-677/16, EU:C:2018:393).

⁽³⁾ Sentenza tal-25 ta' Ottubru 2018, *Sciotto* (C-331/17, EU:C:2018:859).